# Messaġġ mid-Direttur tat-Teatru Pandorra

# 50 Sena mill-Ftuħ tat-Teatru

Kitba ta' Clinton Micallef

Din is-sena hija sena speċjali għall-każin tagħna wkoll peress li t-Teatru Pandora jagħlaq 50 sena. Kien fil-fatt nhar l-1 ta' Ottubru ta' l-1955 meta gie inawgurat dan it-teatru.

Il-ftuħ uffiċjali sar mill-President ta' dakinhar il-Kaptan Serafin Xuereb. Il-pjanti u l-permessi tlestew fl-1953. Ix-xogħol inbeda fl-1954. Meta nbeda x-xogħol fl-1954 il-President S. Xuereb silef lill-Għaqda erbat elef lira oħra sabiex ikun jista' jitkompla x-xogħol. Meta sar il-ftuħ uffiċjali tat-Teatru Pandora sar programm vokali strumentali kif ukoll ċerimonja ta' kxif ta' basso reliev tal-bronż tal-President Serafin Xuereb bħala ħajr għall-għajnuna li ta lill-Għaqda. Waqt seduta tal-kumitat tat-12 ta' Settembru 1955 ġew proposti tliet ismijiet Eros, Venus u Pandora. It-teatru ngħata l-isem ta' Pandora. L-isem ġie propost minn C. Gafà u sekondat mis-segretarju.

Matul dawn il-ħamsin sena t-Teatru Pandora kien ta' servizz utili fil-qasam kulturali fiż-Żejtun. Għal snin twal kien l-aqwa *cinema* fin-naħa ta' isfel ta' Malta. Fi zmien meta t-teatrin kien popolari dehru fuq il-palk tiegħu l-aqwa kumpanija teatrali Maltin. Matul is-snin sebgħin is-*cinema* naqqas ħafna mill-popolarità u tista' tgħid li ġie fix-xejn. Hekk fis-snin tmenin it-teatru ġie ridekorali u tkabbar il-palk.

Saru bosta rappreżentazzjonijiet teatrali u *shows* mużikali fosthom il-festival tal-kanzunetta għat-tfal *Ilħna Novelli*. It-teatru Pandora huwa popolari wkoll maż-żgħażagħ bħala laqgħat mużikali stil *disco*.



*Fuq il-palk tat-Teatru Pandora.*